MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru. 220/2006

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA
VS
ITALO GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Italo Grech, ta’ 22 sena, bin George u Carmela nee’ Gatt, imwieled Pieta’ fit-12 t’Awissu 1983, u residenti fil-fond Blokk Numru 5, Flat 2, Triq il-Fosos, Floriana, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 399283(M), u akkuzat talli:
Bejn it-22 u t-23 t’Awissu 2002, f’xi hin bejn is-siegha u l-erbgha u ghaxra ta’ filghodu, f’Santa Venera, ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Pioneer, li jiswa’ madwar mitt Lira Maltin (Lm100), kif ukoll ta’ zewg amplifiers tal-marka Osio, ta’ valur mhux maghruf, minn go vettura tal-marka Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni ROD 679, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-

xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Cajetan Dimech minn Santa Venera.

U talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin Lira Maltin (Lm50), u cioe’ fl-istess vettura tal-marka Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni ROD 679, ghad-detriment ta’ Cajetan Dimech minn Santa Venera.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputat (a fol 12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 44).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet l-obbligazzjoni tal-imputat li jhallas mitejn Lira Maltin (Lm200) li hu l-ammont rigwardanti l-hi fi equipment misruq u l-hsarat li saru.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 279, 280, 325, 334, 334A u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, l-eta’ giovvannili tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas ghar-resfurtiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------